



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 11 ta' Jannar 2007 (27.02)
(OR. EN)**

5241/07


AUDIO 3

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Jannar 2007
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/KE tat-22 ta' Novembru 1999 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-parteciċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2006) 835 finali.

Mehmuż: COM(2006) 835 finali



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 10.1.2007
COM(2006) 835 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/KE tat-22 ta' Novembru
1999 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-
parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew**

[SEC(2006) 1806]

WERREJ

Kelmtejn Qabel	4
I. Daħla	5
II. Il-parteċipazzjoni tal-komunità.....	5
III. L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.	6
3.1. Formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni	6
3.2. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità	7
IV. L-attivitajiet ta' l-Osservatorju.....	9
4.1. Il-Qasam tas-Suq u tal-Finanzi	9
4.2. Il-Qasam Ġuridiku	9
4.3. Pjattaforma Ewropea ta' Awtoritajiet Regolatorji (<i>EPRA</i>)	10
V. Tixrid tar-riżultati tax-xogħol ta' l-Osservatorju	10
5.1. Il-Qasam tas-Suq u tal-Finanzi	10
5.2. Il-Qasam Ġuridiku	11
5.3. Internet	11
5.4. Attivitajiet oħra ta' tixrid u konferenzi.....	12
VI. Konklużjonijiet	12

KELMTEJN QABEL

1. Dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/EC¹ kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2239/2004/KE², li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew. Dan huwa r-rapport finali previst skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Huwa jiddeskrivi r-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Osservatorju u juri l-attivitajiet prinċipali li dan ta' l-aħħar għamel sa mill-1999.
2. Il-Kapitlu II ifakkar ir-raġunijiet li għalihom il-Komunità ħadet sehem fl-Osservatorju.
3. Il-Kapitlu III tar-rapport juri fil-qosor l-atti ġuridiċi l-aktar importanti li jikkonċernaw is-sħubija fil-Komunità u jipprovdi rapport finanzjarju konċiż.
4. Il-Kapitlu IV jagħti stampa ta' l-attività kumplessiva ta' l-Osservatorju sa mill-aħħar ta' l-1999 sa nofs l-2006. L-oqsma prinċipali studjati huma kwistjonijiet tas-suq/finanzjarji u ġuridiċi.
5. Il-Kapitlu V jivvaluta t-tixrid ta' l-informazzjoni miġbura u analizzata mill-Osservatorju minn fost il-kategoriji professjonali prinċipali.
6. Il-Kapitlu VI jipprovdi valutazzjoni ġenerali tal-parteċipazzjoni tal-Komunità fejn jidħlu l-għanijiet stabbiliti fl-1999 u l-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Osservatorju.

¹ ĠU L 307, 2.12.1999, p. 61.

² ĠU L 390, 31.12.2004, p.1

I. DAĦLA

Dan ir-rapport ikopri l-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/784/KE li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew. Ikopri kemm ir-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Osservatorju, kif ukoll l-attivitajiet ta' dan ta' l-aħħar b'risposta għall-ħtiġijiet ta' l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi għall-informazzjoni. Ir-rapport ikopri l-perjodu mill-aħħar ta' l-1999, l-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kunsill, sa Novembru 2006.

II. IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-KOMUNITÀ

F'Diċembru 1992, il-Kunsill ta' l-Ewropa ħoloq l-Osservatorju għal perjodu inizjali ta' tliet snin³ u f'Marzu ta' l-1997 ikkonferma l-kontinwazzjoni ta' l-Osservatorju għal perjodu indefinit⁴.

Il-bażi ġuridika dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju huwa Artikolu 157(3) tat-Trattat (ex Artikolu 130). Dan jirreferi għall-attività tal-Komunità sabiex tgħin lis-setturi industrijali jaġġustaw ruħhom għal bidliet strutturali, tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' l-impriżi, speċjalment l-SMEs, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji u tiffavorixxi l-isfruttament tar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) u l-politika ta' innovazzjoni.

Skond dawn il-miri, id-deċizzjoni tal-Komunità li tipparteċipa b'mod sħiħ fl-Osservatorju kienet strumentali sabiex tipprovdi lill-industrija awdjoviżiva Ewropea informazzjoni dettaljata, ferm bżonnjuża, f'oqsma bħall-*marketing*, il-finanzi, ir-regoli ġuridiċi u l-prattika.

L-Osservatorju wera ruħu ferm effettiv biex jieħu ħsieb talbiet ta' informazzjoni u biex ixerred dan it-tip ta' tagħrif, fuq kollox sabiex jirrispondi lill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.

Barra minn hekk, ix-xogħol ta' l-Osservatorju jirrappreżenta riżors importanti għall-industrija ta' l-UE għax ikopri għadd kbir ta' pajjiżi, fosthom il-pajjiżi kandidati, kif ukoll iż-ŻEE u l-parti l-kbira ta' l-istati Ewropej l-oħra. Sa minn nofs l-2006, l-Osservatorju kellu 37 membru: 36 pajjiż⁵ u l-Komunità.

L-ambitu wiesa' ta' l-informazzjoni li l-Osservatorju ta aċċess għaliha flimkien mal-ħila li jipprovdi riċerka mfassla apposta, mhux biss huma essenzjali għall industrija, iżda nstabu siewja ferm għal min ifassal il-politika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Komunità.

³ Ir-Riżoluzzjoni (92) 70 tal-Kumitat tal-Ministri addottata fil-15 ta' Diċembru 1992

⁴ Ir-Riżoluzzjoni (97) 4 tal-Kumitat tal-Ministri addottata fl-20 ta' Marzu 1997

⁵ Il-Membri ta' l-Osservatorju huma l-25 Stat Membru tal-Komunità u l-Albanija, il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, ir-Rumanija, il-Federazzjoni Russa, l-Iżvizzera, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kif ukoll it-Turkija.

L-Osservatorju mhux l-uniku għajn ta' informazzjoni statistika fis-settur awdjoviżiv. B'mod partikulari, sa mill-1999⁶ l-Eurostat ilu jiżviluppa informazzjoni statistika fil-livell ta' l-UE. L-esperti ta' l-Osservatorju u ta' l-Eurostat iltaqgħu b'mod regolari sabiex jevitaw li jagħmlu xogħol doppju fl-oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà taż-żewġ istituzzjonijiet, b'mod partikulari l-istatistika tas-suq.

III. L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL.

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill jistabbilixxi li l-Komunità trid tkun membru ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, Ftehim Parzjali tal-Kunsill ta' l-Ewropa. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni jistabbilixxi li l-Kummissjoni trid tirrappreżenta lill-Komunità fir-relazzjonijiet ma' l-Osservatorju. L-Artikolu 5 oriġinarjament kien jipprovdi li l-parteeipazzjoni tal-Komunità ddum sejra sa l-aħħar ta' l-2004, iżda din ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2239/2004/KE, li estendiet il-parteeipazzjoni sa l-aħħar ta' l-2006.

3.1. Formalizzazzjoni tal-parteeipazzjoni

Fil-bidu tas-sena 2000, il-Kummissjoni fetħet negozjati mal-Kunsill ta' l-Ewropa u ma l-Osservatorju sabiex timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-punti ewlenin tad-diskussjoni kienu jikkonċernaw il-modalitajiet tal-parteeipazzjoni fl-Osservatorju. Kien hemm bżonn li żewġ kwistjonijiet jiġu solvuti. L-ewwel, li l-Komunità mhijiex membru ta' l-, kif kien il-każ tal-membri l-oħra kollha. It-tieni, is-sħubija kellha takkomoda ċerti rekwiżiti finanzjarji speċifiċi tal-Kummissjoni dwar, b'mod partikolari, x'isir minn fondi li ma jintużawx u l-obbligi fil-każ ta' l-irtirar mill-Osservatorju.

Sabiex jiġu akkomodati r-rekwiżiti tal-Kummissjoni, il-Kunsill ta' l-Ewropa emenda l-istatut u r-Regolament finanzjarju ta' l-Osservatorju f'Settembru 2000⁷.

Apparti r-Risoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, il-Kummissjoni awtorizzat⁸ lis-Sinjura Viviane Reding, bħala l-membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-politika awdjoviżiva, sabiex tifformalizza l-parteeipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew bħala Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fl-Iskambju ta' Ittri ta' Novembru 2000 kien hemm klawsola ta' reviżjoni għall-perjodu ta' wara l-2004, peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/784/KE kienet valida biss sal-31 ta' Diċembru 2004. Għalhekk, sabiex tkopri s-snin 2005 sa l-2006, il-Kummissjoni reġgħet awtorizzat⁹ formalment lis-Sinjura Reding biex tifformalizza l-parteeipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju għal perjodu ta' sentejn oħra. Il-ftehim ħa l-forma ta' Skambju ta' Ittri ieħor mal-Kunsill ta' l-Ewropa f'Lulju u Settembru 2005. Klawsola ta' reviżjoni reġgħet ġiet inkluża għall-perjodu lil hinn mill-validità tad-Deċiżjoni 2239/2004/KE, i.e. il-31 ta' Diċembru 2006.

⁶ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika awdjoviżiva. COM(2004) 504 finali, 16.7.2004.

⁷ Ir-Risoluzzjoni (2000) 7 tal-Kumitat tal-Ministri addottata fil-21 ta' Settembru 2000

⁸ Id-Deċiżjoni C(2000)3308, 15.11.2000, mhux ippubblikata.

⁹ Id-Deċiżjoni C(2005)1989, 05.07.2005, mhux ippubblikata.

"Memorandum ta' Ftehim" (MOU) ġie anness ma' l-Iskambju ta' l-Ittri. Dan stabbilixxa t-termini speċifiċi għall-impenji finanzjarji annwali tal-Kummissjoni. Iż-żewġ verżjonijiet sussegwenti tad-dokument ġew aġġornati u approvati uffiċjalment kull sena mill-Kummissjoni u mill-Osservatorju.

3.2. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità

Ir-rendikont finanzjarju anness mal-proposta għad-Deċiżjoni 1999/784/KE ipprevediet impenn u approprjazzjonijiet ta' ħlas ta' €1 325 000 għal perjodu ta' sitt snin b'ammont massimu annwali ta' €235 000 fl-2004. Ir-rendikont finanzjarju tad-Deċiżjoni 2239/2004/KE estenda l-limitu massimu għas-snin 2005 u 2006.

Minħabba l-fatt li n-negozjati ħadu fit-tul, il-formalizzazzjoni tas-sħubija tal-Komunità setgħet biss isseħħ f'Novembru 2000, bejn wiehied u ieħor sena wara l-addozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Għalhekk, sabiex il-kooperazzjoni ma' l-Osservatorju ma tiġix interrotta waqt dak il-perjodu, fil-31 ta' Jannar 2000 il-Kummissjoni kkonkludiet Ftehim ta' Għajnuna Finanzjarja ma' l-Osservatorju għal ammont daqs il-kontribuzzjoni statutorja teoretika u mhux aktar mis-somma indikata għas-sena 1999 fir-rendikont finanzjarju anness mal-proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Id-dispożizzjonijiet għal dan il-Ftehim ta' għajnuna kienu skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar l-għajnuniet finanzjarji. Skema bħal din tvarja mill-Artikoli tal-Memorandum ta' Ftehim (MoU), sakemm skond l-MoU l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali mhux marbuta direttament ma' l-infiq proprju li jkun sar fl-istess sena, iżda huwa fiss, bil-ħlas żejjed jiġi mnaqqas mill-kontribuzzjoni tas-sena ta' wara.

It-tħaddim tal-mekkaniżmu finanzjarju tal-Ftehim ta' Għajnuna Finanzjarja ssarraff fi ħlas ta kontribuzzjoni li kienet € 8 528 inqas mill-ammont massimu maħsub. L-Osservatorju talab lill-Kummissjoni biex tħallas l-ammont kollu. Il-Kummissjoni dejjem ikkontestat din it-talba, billi targumenta li hija wettqet l-obbligi finanzjarji tagħha skond il-Ftehim ta' għajnuna finanzjarja. Wara analiżi li għamlu grupp ta' esperti, f'Novembru 2002, il-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Osservatorju ddeċieda li jirrinunzja għal din it-talba mill-Kummissjoni.

Bis-saħħa ta' dan l-iżvilupp tad-dħul supplimentari ta' l-Osservatorju, magħdud mal-kontribuzzjonijiet tal-membri, l-impenji u l-ħlasijiet għas-snin 1999 sa l-2006 kienu konsistentement inqas, kemm f'termini nominali kif ukoll perċentwali, mill-ammonti previsti fil-proposti tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjonijiet ta' l-1999 u ta' l-2004.

Valuri: €	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
Impenji Massimi	200,000	215,000	220,000	225,000	230,000	235,000	235,000	235,000
Impenji attwali	198,184	200,000	219,945	219,822	220,080	221,154	232,150	234,999
Ħlas attwali	189,656	200,000	219,945	219,822	220,079	221,154	232,150	234,999
Parteċipazzjon i massima	12.25 %	12.25 %	12.25 %	12.25 %	12.25 %	12.25 %	12.25 %	12.25 %
Parteċipazzjon i attwali	9.68 %	10.04 %	10.89 %	9.66 %	9.81%	9.68 %	8.96 %	9.52 %

IV. L-ATTIVITAJIET TA' L-OSSERVATORJU

Skond l-istatut ta' l-Osservatorju, "*L-għan ta' l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew huwa li jtejjeb it-trasferiment ta' l-informazzjoni ġewwa l-industrija awdjoviżiva, li jippromwovi dehra aktar ċara tas-suq u li jkattar it-trasparenza*". Filwaqt li jagħmel dan l-Osservatorju għandu jagħti attenzjoni partikolari sabiex jiżgura l-kredibbiltà, l-kompattibbiltà u l-komparabbiltà ta' l-informazzjoni".

Sabiex jonora l-mandat tiegħu, l-Osservatorju żviluppa l-attivitajiet tiegħu madwar żewġ linji prinċipali: Il-pubblikazzjoni ta' statistika annwali li tikkonċerna s-swieq awdjoviżivi u l-pubblikazzjoni perjodika ta' *newsletters*. Fuq kollox, għadd ta' studji *ad hoc* u publikazzjonijiet inħarġu f'diversi okkażjonijiet.

4.1. Il-Qasam tas-Suq u tal-Finanzi

L-Osservatorju ħa' ħsieb l-aktar il-għbir u l-analiżi ta' l-informazzjoni statistika u ekonomika dwar oqsma varji tas-suq awdjoviżiv, fuq is-sitwazzjoni tal-kumpaniji involuti f'attivitajiet awdjoviżivi, u fuq is-sussidji pubbliċi għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi. Ingħatat attenzjoni partikolari għall-isfidi li nqalgħu minħabba teknoloġiji ġodda u għall-bżonn ta' tkattir tat-trasparenza madwar is-swieq awdjoviżivi Ewropej.

Pubblikazzjonijiet bħall-*Yearbook*, FOCUS u xi rapporti *ad hoc* ipprovdew firxa wiesgħa ta' informazzjoni bil-ħsieb li jsostnu x-xogħol ta' ħafna operaturi, kategoriji professjonali u amministrazzjonijiet pubbliċi. Fuq kollox tnedew servizzi *online* bla ħlas, li jipprovdu aktar nformazzjoni siewja u dettaljata, b'mod partikulari għall-SMEs: Id-database LUMIERE, dwar l-attenzenza għall-films, id-database KORDA dwar għajnuna finanzjarja pubblika, id-direttorju PERSKY li jipprovdi *links* sistematiċi għall-websajts ta' eluf ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni u għall-sorsi ta' informazzjoni dwar is-swieq internazzjonali tat-televiżjoni.

Sabiex jimplimenta dawn ix-xogħlijiet, l-Osservatorju ħadem ma' diversi networks speċjalizzati ta' "*data providers*" fosthom aġenziji nazzjonali tal-films, organizzazzjonijiet professjonali, istituti nazzjonali ta' l-istatistika, kumpaniji ta' rivisti tal-kummerċ u tar-riċerka dwar is-suq.

4.2. Il-Qasam Ġuridiku

Is-suġġetti li indirizza l-Osservatorju jinkludu d-diġitizzazzjoni tax-xandir u l-komunikazzjoni elettronika, il-konverġenza u l-globalizzazzjoni u kif dawn sejin jaffetwaw oqsma bħad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ekonomiċi, għanijiet kulturali u wirt kulturali, il-liġi tad-dritt ta' l-awtur, il-liġi kriminali, il-liġi kummerċjali, ir-reklamar, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-aċċes ħieles għall-informazzjoni, l-għajnuna ta' l-Istat u l-programmi ta' għajnuna ta' l-UE, skemi ta' taxxa, it-trasparenza, l-edukazzjoni, eċċ.

Sabiex iservi l-industrija awdjoviżiva ġenerali kif ukoll lill-leġiżlaturi u lill-amministraturi pubbliċi fl-Istati Membri b'informazzjoni u analiżi komprensiva u aġġornata, l-Osservatorju bena xibka ta' korrispondenti nazzjonali u istituzzjonijiet akkademiċi. Fuq kollox, żamm kuntatti regolari mal-leġiżlaturi, l-awtoritajiet regolatorji u l-organizzazzjonijiet sovrannazzjonali oħra. Attenzjoni speċjali ngħatat għall-ħolqien ta' xibka barranija ta' ħila adegwata ta' traduzzjoni (li tinkludi t-taħriġ tal-korretturi tal-provi). Il-liġi awdjoviżiva hija tema kritika għal żona ta' kulturi differenti u ħafna lingwi.

4.3 Pjattaforma Ewropea ta' Awtoritajiet Regolatorji (EPRA)

Sa mill-bidu ta' l-2006, l-Osservatorju laqa' fi ħdanu s-segretarjat ta' l-EPRA. Ftehim speċifiku ma din l-entità ġie ffirmat fit-30 ta' Novembru 2005 wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Osservatorju f'Ġunju 2005. L-infiq għas-segretarjat ta' l-EPRA huwa rreġistrat fil-kotba tal-baġit ta' l-Osservatorju, iżda huwa kollu ffinanzjat mill-EPRA nnifisha.

V. TIXRID TAR-RIŻULTATI TAX-XOGĦOL TA' L-OSSERVATORJU

Il-prodotti u s-servizzi ta' l-Osservatorju huma mmirati lejn tliet gruppi ta' setturi.

- l-industrija tal-qofol (films, xandir, vidjo/DVD u multimedja) kif ukoll setturi li jixxiebhu (eż. telekomunikazzjoni),
- is-settur tas-servizzi ta' l-industrija tal-qofol (konsulenti, avukati, servizzi finanzjarji, stampa speċjalizzata, eċċ.),
- dawk li jfasslu l-politika nazzjonali, Ewropea u internazzjonali, awtoritajiet u s-settur tas-servizz pubbliku ġenerali (ministeri, awtoritajiet tax-xandir, entitajiet ta' għajnuna finanzjarja pubbliċi, organizzazzjonijiet internazzjonali, etc).

L-Osservatorju huwa marbut bl-istatut tiegħu li jitħallas mingħand min juża s-servizzi tiegħu, iżda huwa meħtieġ ukoll bħala istituzzjoni ta' servizz pubbliku, li jipprovdi servizzi komprensivi bla hla lill-membri tiegħu u lil dawk is-setturi li lejhom huma mmirati l-prodotti tiegħu.

5.1. Il-Qasam tas-Suq u tal-Finanzi

Il-*Yearbook* huwa l-pubblikazzjoni prinċipali ta' l-istatistika ta' l-Osservatorju; dan ilu jiġi ppubblikat ta' kull sena sa mill-1994. Matul il-perjodu 2002-2005, il-*Yearbook* kien jikkonsisti f'ħames volumi. (1. L-Ekonomija ta' l-Industrija tar-Radju u tat-Televiżjoni fl-Ewropa, 2. Apparat Awdjoviżiv tad-dar – Trażmissjonijiet – Udjenja Televiżiva, 3. Film u Vidjos tad-dar, 4. Multimedja u Teknoloġiji Ġodda, 5. Stazzjonijiet tat-televiżjoni – Produzzjoni u Distribuzzjoni ta' Programmi. Fl-2006 kien ippubblikat fi 3 volumi (1. Ix-xena tat-televiżjoni f'36 pajjiż Ewropew, 2. L-iżvilupp tat-Televiżjoni fl-Ewropa, 3. Films u vidjos).

Il-*Yearbook* jista' jinkiseb ukoll f'format elettroniku b'sistema ta' abbonament. Din is-sistema lill-imsieħba tagħtiom ċ-ċans jaċċessaw l-informazzjoni qabel jiġi stampat il-*Yearbook*, kif ukoll il-possibilità li jkollom aċċes għaliha fil-format *Excel*.

FOCUS – Fejn sejjer is-suq Mondjali tal-Films, jiġi ppubblikat kull sena f'Mejju waqt l-okkażjoni tas-Suq tal-Films f'Cannes. Din il-pubblikazzjoni tipprovdi analiżi aġġornata li tkopri l-iżviluppi mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll f'partijiet oħra tad-dinja. Illum hija magħrufa ħafa bħala għodda ta' informazzjoni ta' min joqgħod fuqha u faċli biex tużaha.

Fuq kollox, rapporti *ad-hoc* jiġu ppubblikati mill-Osservatorju dwar suġġetti speċifiċi. Dawn jinħarġu bħala publikazzjoni stampata, jew *online*. Xi wħud minnhom jinkitbu direttament mill-esperti u l-analisti ta' l-Osservatorju, oħrajn huma kkumissjonati minn esperti esterni.

5.2. Il-Qasam Ġuridiku

Sa mill-1999, l-Osservatorju żied b'mod regolari l-informazzjoni ġuridika miġbura, ipproċessata u mxerrda permezz ta' pubblikazzjonijiet differenti taħt it-tikketta "Iris".

In-"*newsletter* IRIS", tnediet fl-1995, u tiġi ppubblikat 10 darbiet fis-sena. Tinstab ukoll *online*. Aktar minn 3600 artiklu li jikkonċernaw sentenzi tal-Qorti, deċiżjonijiet amministrattivi u dokumenti ta' politika ġew ippubblikati matul is-snin. In-"*newsletter* tkopri attivitajiet minn 56 pajjiż differnti u mill-organizzazzjoniet sovrannazzjonali ewlenin kollha.

"IRIS *plus*" beda jiġi ppubblikat fl-2001. Huwa suppliment tematiku li jiġi anness man "*newsletter* IRIS" ħarġa iva u ħarġa le. Jiffoka fuq suġġetti attwali ta' mportanza internazzjonali u jqabbel kif dawn is-suġġetti jiġu trattati taħt il-liġijiet ta' pajjiżi differenti. Is-suġġetti koperti bl-"IRIS *plus*" ivarjaw mid-dritt ta' l-awtur sa l-ġhajjnuna finanzjarja ta' l-istat, il-konverġenza, x-xandir klassiku, sal-media ġodda u drittijiet tal-bniedem.

"IRIS Speċjali" huma pubblikazzjonijiet ewlenin ta bejn 50 u 150 paġna li jagħtu informazzjoni dwar oqfsa ġuridiċi applikabbli (Leġiżlazzjoni Ewropea u Nazzjonali) kif ukoll eżempji ta' mudelli regolatorji. F'ħafna okkażjonijiet, għal raġuni ta' tqabbil, l-"IRIS Speċjali" fornaw ukoll informazzjoni dwar l-istruttura regolatorja ta' l-Istati Uniti. L-"IRIS Speċjali" bdew fl-1999 bħala gwida ġuridika għall *media* awdjoviżivi Ewropej. Sa minn dakinhar ħarġu tmienja oħra. "IRIS Speċjali" ta' dan l-aħħar jinkludu xogħol dwar "l-implimentazzjoni tar-Regolament tas-Servizzi tal-Media Adjovizivi transnazzjonali"; li nħareġ fl-aħħar ta' l-2006.

5.3. Internet

L-Osservatorju jsostni żewġ *databases* ekonomiċi u finanzjarji u direttorju *online* bla ħlas fuq il-websajt tiegħu.

Id-*database* LUMIERE ilu sa mill-1996 iforni informazzjoni dettaljata dwar l-attendenza annwali għall-films kollha, f'kull wieħed mis-27 pajjiż Ewropew li tkopri. Aktar minn 15 000 film huma inklużi fil-LUMIERE. Dan id-*database* joffri għodda qawwija għall-analiżi statistika (ishma tas-suq, analiżi skond il-ġeneru, eċċ.) li jagħmlu sors ta' informazzjoni effettiv għall-professionisti.

Id-*databse* KORDA jipprovdi informazzjoni komprensiva fuq madwar 600 skema ta' ġhajjnuna pprovdi minn aktar minn 200 entità ta' fondi finanzjarji pubbliċi Ewropej. Bis-saħħa ta' għodda ta' tiftix wieħed jista' jidentifika skemi speċifiki ta' programmi ta' ġhajjnuna skond il-pajjiż, il-ġeneru u l-fażi tal-produzzjoni.

Id-direttorju PERSKY jipprovdi tagħqid sistematiku mal-websajts ta' l-istazzjonijiet tat-TV kollha li jeżistu fis-36 Stat Membru fl-Osservatorju, kif ukoll *link* ma' l-awtoritajiet regolatorji tax-xandir, sorsi ta' informazzjoni u rapporti nazzjonali.

L-Osservatorju ilu sa mill-2003 joffri bla ħlas aċċess għad-*database* ġuridiku bl-isem ta "IRIS Merlin" li fih kważi 4 000 artiklu, u aktar minn 4 200 dokument b'referenza (liġijiet, digrieti, każijiet tal-qorti, eċċ.). "IRIS Merlin", li fih funzjoni speċjali ta tiftix u għażla, mhux magħmul biss minn artikli min-"*newsletter* IRIS" iżda jinkludi wkoll artikli miktubin apposta għad-*database* (eż. il-kollezzjoni ta' ftehimiet ta' koproduzzjoni, ippubblikata fl-2005).

Fil-portal tas-sit ta' l-Osservatorju wieħed isib ukoll għadd ta' artikoli ġuridiċi bħal rapporti dwar xi pajjiż (eż. dwar ir-Russja, it-Turkija u l-Iżvizzera) jew dwar suġġetti speċjali oħra, kif ukoll listi ta' deskrizzjoni dwar l-istat ta' ffirmar u ratifikazzjoni ta' Konvenzjonijiet Ewropej, flimkien ma trattati internazzjonali oħra u listi nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' importanza kbira għas-soċjetà

5.4. Attivitajiet oħra ta' tixrid u konferenzi

L-Osservatorju organizza bi sħab ħdax-il laqgħa ta' ħidma fil-qasam ġuridiku matul l-aħħar seba' snin. L-aħħar wieħed, li sar f'Novembru 2006, iffoka fuq "*Il- Futur tal Broadband Video*". Kull laqgħa ta' ħidma kienet is-suġġett speċifiku ta' pubblikazzjoni IRIS. Fuq kollox, l-Osservatorju jikkontribwixxi regolarment f'konferenzi, laqgħat ta' ħidma u attivitajiet simili organizzati minn istituzzjonijiet oħra, mill-Istati Membri ta' l-UE u mis-Suq tal-Films f'Cannes.

Fl-2003 l-Osservatorju, biex jilħaq id-diversi għanijiet li jikkuntattja l-imsieħba ta' diversi *networks*, l-istampa internazzjonali, il-klijenti kurrenti u lil dawk li forsi għad jissieħbu, waqqaf *database* ta' kuntatt imsejjaħ "Oriel".

VI. KONKLUŻJONIJIET

Ir-riżultat pożittiv tar-relazzjonijiet Komunità/Osservatorju msemija fir-Rapport Intermedjarju¹⁰ ta' l-2002 tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fl-Osservatorju jista' żgur jiġi rijafermat. Is-suċċess tal-pubblikazzjonijiet u tad-*databases* bħall-*Yearbook*, l-Iris u l-Lumiere saħħew il-pożizzjoni ta' l-Osservatorju, għalhekk jidher li huwa sors ewlieni ta' informazzjoni ekonomika u ġuridika fost min jaħdem f'diversi oqsma tas-suq ta' l-industrija awdjoviżiva kif ukoll awtoritajiet pubbliċi, flivelli kemm nazzjonali kif ukoll ta' Komunità.

Apparti l-pubblikazzjonijiet maħruġa fuq bażi regolari u d-*databases* online, l-Osservatorju kellu l-ħila joħroġ analiżi eżatta li kienet tkun diffiċli biex takkwistaha bi prezz hekk raġjonevoli, kemm għall-industrija kif ukoll, meta wieħed iqis kemm tiswa s-sħubija, għall-entitajiet pubbliċi msieħba.

Il-ħila ta' l-Osservatorju li jstabilixxi u jsostni *networks* ta' sħab xjentifiċi hija fost l-aqwa kwalitajiet ta' din l-istituzzjoni u nstab li kienet essenzjali għall-akkwist kontinwu u ferm diversi ta' tagħrif għall-analiżi ekonomika u ġuridika ta' l-Osservatorju. L-Osservatorju min-naħa l-oħra, ipprova lill-qasam awdjoviżiv u b'mod partikulari, lill-operaturi ta' daqs żgħir u medju, strumenti komprensivi li jipprovdu stampa aktar ċara tas-swieq u tal-qafas ġuridiku/regolatorju.

Sabiex tkompli tgħin l-attivitajiet ta' l-Osservatorju, il-Kummissjoni pproponiet li l-parteċipazzjoni tal-Komunità tkompli sa l-2013 għewwa l-qafas tal-programm ġdid Media 2007¹¹.

¹⁰ COM(2002) 619 finali

¹¹ COM(2004) 470 finali